MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2012

Numru. 1236/2011

**Il-Pulizija
Spettur Joseph Agius**

**vs**

**Victoria Scicluna**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Victoria Scicluna bint John Schembri u Guzeppa nee' Darmanin imwielda l-Marsa fit-3 ta' Settembru 1969 u residenti 'Bellavista' Flt nru 1, Triq il-Kummerc, Qormi u detentrici tal-karta tal-identita' numru 0544171M giet mressqa quddiemha akkuzata talli :

1) Nhar is-6 t'Ottubru 2011 minn gewwa l-iskola ta' San Bastjan f'Hal Qormi ghal habta ta' 09.30hrs,

ikkommettiet serq ta’ handbag li kien fieh €60 fi flus kontanti, visa card u credit card tal-HSBC u karta ta’ l-identita’, li bihom froadat is-somma ta’ €1310.00 ghad-dannu ta’ Victoria ta’ u Adrian Vidal minn Hal-Qormi, liema serq huwa aggravate bil-valur u bil-lok.

2) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehudha b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom meta kienet taf li l-haga kienet gejja minn serq.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 8 ta’ Novembru 2011 (esebit a fol. 12 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputata waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tal-4 ta’ Marzu 2011 iddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar id-19 ta’ Jannar 2012 ghall-ewwel(1) imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissietha b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghha u taghtha zmien xieraq sabiex jekk trid terga lura minnha u kien biss wara li staqsietha it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputata, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja ta’ l-ewwel(1) akkuza migjuba fil-konfronti taghha.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-proceduri, kif ukoll il-fatt li saret r-rifuzjoni tal-ammont kollu dovut lill-vittma u l-fatt li l-imputata ghandha fedina penali netta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 267 u 269 tal-Kodici Kriminali ssib lill-imputata hatja tal-ewwel(1) imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessa u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor sa zmien tmintax(18)-il xahar millum.

Stante li t-tieni(2) imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel(1) imputazzjoni li taghha l-imputata instabet hatja, l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------